MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 81/2013

Appell Numru: 81/2013

Il-Pulizija
Vs
John Debono

Illum, 23 ta' Jannar, 2014

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant John Debono, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 774352M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzat talli meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn it-2 ta' Jannar, 2011 u t-28 ta' Novembru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Carmela Xerri u/jew lil uliedhom is-somma fil-gimgha ffissata minn xi Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-

jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; sabet lil imputat hati u kkundannatu tlett (3) xhur prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lil imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant John Debono minnu pprezentat fil-15 ta’ Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta’ tlett xhur prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputat hat ital-akkuzi u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

1. Illi l-esponenti ibati minn mard serju u kwazi tilef il-vista minhabba d-diabete li hakmithu serjament. Dan ifisser illi hu ma jistax jahdem u jaqla` l-ghajxien tieghu minhabba l-istat ta’ sahha dejjem tiddeterjora. Ukoll l-esponenti qieghed fi stat finanzjarju hazin billi l-banek qabdulu l-propjetajiet kollha u bhala fatt qieghed jghix mat-tifla tieghu gewwa flat maqbud mill-bank pero li hemm kuntratt ta’ kera u ghalhekk ghadu f’dan il-flat; Illi ghalhekk abbazi ta’ nemo tenetur ad impossibilia l-esponenti ssostanzja dak li qieghed jallega, illi huwa fi stat finanzjarju hazing hafna tant li ma jistax jonera l-obbligi tal-kuntratt tas-separazzjoni u ll-istat ta’ sahhtu ma tippermettiehx li jahdem. Ukoll l-esponenti beda procedure il-Qorti sabiex jnaqqas ossia jikkancella l-ammont li kien miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni pero` l-kwerelanta qieghda tittratjeni u tipprolunga l-proceduri apposta.

Ikkunsidrat.

Fuq rapport ta’ Carmela Scerri l-mara ta’ l-appellant illi dan ta’ l-ahhar naqas illi jhallas il-manteniment bejn Jannar 2011 u t-28 ta’ Novembru, 2011 il-pulizija pprocediet kontra l-appellant u b’Sentenza tas-6 ta’ Frar, 2013 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal 3 xhur prigunerija. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell fejn l-agravju principali tieghu kien illi huwa ma hallasx b’kapricc imma ghax m’ghandux mezzi u jinsab ma jiflahx.

Ikkunsidrat.

Carmela Scerri xehdet illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni illi gie ffirmat fl-2007 l-appellant suppost ihallas l-ammont ta’ LM70 fil-gimgha, l-appellant aderixxa ghal kundizzjonijiet kuntrattwali ghal forsi 9 jew 10 xhur u mbaghad ma hallas xejn aktar. Ma hemmx kommnukazzjoni bejn Carmela Scerri u r-ragel taghha, l-appellant, John Debono, kull darba illi jonqos milli hallas il-manteniment Carmela Scerri tmur taghmel rapport, hemm sensiela twila ta’ rapporti l-ghassa kontra l-appellant ghan-nuqqas ta’ manteniment. Scerri taf li b’kawza illi l-appellant quddiem il-Qorti Civili ghat-twaqqif tal-manteniment liema kawza ghadha pendenti pero’ tinsab diferita ghas-Sentenza fi Frar, 2014. L-appellant xehed ukoll quddiem din il-Qorti u qal illi ma jistax ihallas il-manteniment ghaliex falla, jmantnuh hutu u minkejja li kellu hafna propjeta u bieh xi haga wara s-separazzjoni l-introjtu kollu mar ghand il-Bank li kellu privileggi fuq dan il-bejh. Jaf ukoll illi f’Mejju, 2008 inghata digriet mill-Qorti tal-Familja ghal manteniment, madankollu jikkonferma illi ma hallas xejn, lanqas f’dawk ix-xhur imsemmijin fl-imputazzjoni. Ikkonferma illi ghamel kawza sabiex titnehha kompletament l-Artikolu tal-manteniment pero’ din il-kawza ghadha pendenti u tinsab diferita ghas-Sentenza. L-appellant argumenta illi huwa jbaghti minn ghajnejh u hu fi stat ta’ sahha batut, meta kellu l-flus gawdiet il-mara pero’ issa ma ghandu xejn, dak illi kien hemm hadulu l-Bank u qed jghix fuq xi haga illi jaghtuh hutu.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ta' spiss tigi nfaccata b'persuni illi jghidu illi mhumiex f'pozizzjoni illi jhallsu manteniment ordnat mill-Qorti jew skont obligazzjonijiet kuntrattwali ghax jinstabu bla xoghol, morda jew imhabba xi mpediment u f'kull okkazjoni taghmilha cara illi din il-Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi jekk persuna tkunx iddikadietx mid-dritt ta' manteniment kif stabbilit mill-Qorti jew kuntratt personali. Jekk din il-Qorti thalli dan l-argument ireggi facli illi persuna b'dikjerazzjonijiet generici li ma jistghux jigu verifikati jonqas minn obligazzjonijiet kuntrattwali jew li jobdi ordnijiet tal-Qorti. Din il-Qorti ma tistax tigi wzata ghal abbuzi bhal dawn u dejjem uriet id iebsa ghal min jonqos li jhallas il-manteniment kif dovut skont il-Ligi. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija kontra Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju, 1998 intqal, *". . . . Jekk persuna ma tkunx tista thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obligu sancit bir-reat ta' natura kontrovenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellat. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjenti tali modifika, li jkun jista jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll Pulizija vs Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru, 2002). L-appellant jghid illi huwa ntavola kawza quddiem il-Qorti Civili ghal kancellament tal-monteniment ordnat liema kawza ghadha pendenti, jista jaghti l-kaz li hekk hu, pero' hi x'inhi d-decizjoni tal-Qorti Civili ma tkunx retroattiva izda mid-data tas-Sentenza l-quddiem u l-arretrati jridu jithallsu zgur. U mhux sew illi minhabba decizjonijiet zbaljati fil-kummerc l-appellant jonqos mill-obligu tieghu li jmantni lil martu u lill-uliedu, aktar u aktar meta dan l-obligu jkun sancit kemm b'obligazzjoni kuntrattwali kif ukoll minn digriet tal-Qorti Civili tal-Familja, ghalhekk ghal dak li jirrigwardja l-mertu l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet htija fl-appellant. L-appellant pero' jilmenta wkoll illi 3

xhur prigunerija hija iebsa wisq fil-konfront tieghu, din il-Qorti rat il-fedina penali ta’ l-appellant u ssib illi ghalmentu f’zewg okkazjonijiet ohra fis-26 ta’ April, 2010 u 27 ta’ Marzu, 2012 gie misjub hati ta’ nuqqas ta’ manteniment lil martu u lill-uliedu. L-ewwel darba gie moghti conditional discharge u t-tieni darba gie kkundannat xahrejn prigunerija sospizi ghal sena. Mill-jidher dawn ma kienxu bizzejjed ghall-appellant u ghalhekk din id-darba stante r-recidiva thoss illi piena ta’ prigunerija effettiva ghandha tigi mposta fuq l-appellant biex jirrealizza l-izball illi jinstab fih. Ghad illi din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tnaqqas xi ftit it-terminu ta’ prigunerija mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell in parti, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuza migjubha kontra tieghu u tvarjaha ghal dak li jirrigwardja l-piena u flok 3 xhur prigunerija tikkundanna lill-appellant ghal xahrejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------